**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 39** **27 ta' April, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 27 ta' April fil-11.15 ta' filgħodu.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Reno Buġeja | - | Kunsillier |
| Matthew Buġeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Vanessa Galea | - | Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **39.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija** |
| 39.1.1 | Il-laqgha bdiet fil-11.24 am. F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **39.2** | **Kunsiderazzjoni u Diskussjoni tal-Proposta għal Relazzjoni ta' Ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk u Zhoushan, iċ-Ċina** |
| 39.2.1 | Id-diskussjoni fetħet b'referenza għall-preżentazzjoni viżwali li r-rappreżentant tal-Maltese-Chinese Chamber of Commerce (MCCC) kien diġà wera u ppreżenta lill-Kunsill dwar Zhoushan. Ġie nnutat li d-diskussjoni kollha u l-kunsiderazzjonijiet li seħħew huma bbażati direttament fuq l-informazzjoni u d-dettalji li ħarġu minn din il-preżentazzjoni uffiċjali.<br><br>Is-Sindku qal li qatt ma kien favur ġemellaġġi minħabba l-ispejjeż involuti. Madankollu, peress li dan il-ġemellaġġ propost ser iseħħ fuq medda ta' żmien, jekk il-kunsilliera jaqblu li jibda dan il-proċess, maż-żmien jista' jiġi identifikat minn fejn jistgħu jinkisbu l-fondi meħtieġa. Huwa żied li l-aspett finanzjarju jeħtieġ jiġi diskuss aktar fid-dettall.<br><br>Il-Kunsillier Reno Buġeja staqsa jekk dan jinvolvix ammonti kbar ta' flus, u s-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ser ikun ta' appoġġ u li s-settur tas-sajd jista' jibbenefika minn dan il-ġemellaġġ, u għalhekk huwa favur il-proposta.<br><br>Il-Kunsillier Reno Buġeja staqsa lill-membri preżenti jekk jaqblux mal-ġemellaġġ. Il-Viċi Sindku Miriam Camilleri esprimiet il-qbil tagħha. Il-Kunsillier Matthew Buġeja ssuġġerixxa li jiġi esplorat il-bidu ta' dan il-ġemellaġġ ma' Zhoushan, fid-dawl tas-similaritajiet ma' Marsaxlokk, partikolarment fir-rigward tal-ekonomija bbażata fuq is-sajd u t-turiżmu. Huwa rrefera wkoll għall-preżentazzjoni li saret, fejn ġie indikat li jista' jkun hemm diversi vantaġġi, fosthom benefiċċji għas-sajjieda, kif semma s-Sindku.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja qal li għandu jsir sforz biex jiġi żviluppat approċċ li jagħmel sens, inkluż kif ser jiġi ffinanzjat il-proġett, u mhux ġemellaġġ limitat għal żjarat reċiproċi bejn iż-żewġ naħat, kif allegatament kien ġara f'inizjattivi oħra fil-passat bħal dik ta' Cadeo. Huwa saħaq li l-għan m'għandux ikun li jsiru żjarat annwali biss, iżda li l-parti Ċiniża tiġi integrata f'attivitajiet lokali u li jinħolqu benefiċċji konkreti għall-lokalità ta' Marsaxlokk. Huwa żied li jeħtieġ li jsiru aktar diskussjonijiet mar-rappreżentanti ta' Zhoushan sabiex jiġu esplorati aktar l-opportunitajiet u l-aspetti rilevanti kollha tal-proposta.<br><br>Is-Sindku rrefera għal inizjattivi preċedenti relatati ma' entitajiet marbuta mal-Power Station. Il-Kunsillier Daniel Zerafa spjega li dan ma kienx ġemellaġġ proprju, iżda li, fil-kuntest tal-proġett tal-Power Station, kien hemm involviment ta' Shanghai Electrics, u ġew organizzati attivitajiet bħall-"Chinese Night". |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier Zerafa qal li kien sorpriż bil-proposta u l-laqa' li saret u staqsa x'benefiċċji konkreti jista' jkollhom is-sajjieda. Huwa staqsa jekk prodotti bħall-lixka, li jinxtraw mis-sajjied Malti, jistgħux jinkisbu bi prezzijiet orħos jew bl-ingrossa, u jekk dan jistax iwassal għal aktar qligħ għas-sajjieda. Il-Kunsillier Reno Buġeja żied li Malta diġà tesporta t-tonn lejn iċ-Ċina. Il-Kunsillier Zerafa spjega li l-kwoti tat-tonn jinbiegħu lill-fish farms, li mbagħad jesportaw lejn iċ-Ċina, u li dan is-suq infetaħ f'dawn l-aħħar snin.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja qal li dan ma kienx il-punt ewlieni tad-diskussjoni, u s-Sindku qabel miegħu. Il-Kunsillier Daniel Zerafa ċċara li mhuwiex kontra l-ġemellaġġ, iżda xtaq li jkun hemm ċarezza bil-miktub sabiex jiġu evitati problemi futuri, bħal proġetti mhux mixtieqa. Il-Kunsillier Bugeja qal li tali kwistjonijiet qatt ma ġew imsemmija. Il-Kunsillier Zerafa kkonkluda li jaqbel mal-proposta.<br><br>Fl-aħħar, is-Sindku staqsa jekk il-kunsilliera preżenti jaqblux li jibdew it-taħditiet mar-rappreżentanti ta' Zhoushan sabiex jiġi esplorat il-ġemellaġġ. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu. |
| | |
| **39.3** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 39.3.1 | Il-laqgħa intemmet fil-11.32, wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 18 ta' Mejju, 2026.

**IFFIRMATA**
________________________
**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**
________________________
**Vanessa Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**
________________________
***Proponent***

**IFFIRMATA**
________________________
***Sekondant***